KULLEĠĠ SAN NIKOLA

L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA

FRAR 2016

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.
2. Aqra l-iskript bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'.
3. L-iskript **aqrah darbtejn**, kwarta kull darba.

*Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.*

(Wara 5 minuti)

*Issa se nisimgħu s-silta bl-isem 'Żewġt Iħbieb'. Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu xi mistoqsijiet. Is-silta u l-mistoqsijiet se naqrahomlkom darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara nerġa' naqralkom is-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba. Waqt li qed tisimgħu din is-silta, tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.*

*Se nibdew.*

Żewġt iħbieb iddeċidew li jmorru mixja fil-kampanja. Kienu ħbieb tal-qalb u kienu ilhom jafu lil xulxin għal bosta snin. Kienu qishom ħobża u sikkina jew aħjar id-di u d-do. Kienu jwiegħdu li jaqbżu għal xulxin f'kull saram li jsibu rwieħhom fih! Dakinhar, bla ma kienu jafu, kienu se jaraw kemm tiswa dik il-wegħda li għamlu lil xulxin.

It-tnejn kellhom moħħhom mistrieħ b'dik il-wegħda li għamlu u ħasbu li ma kellhomx għalfejn iħabblu rashom dwar l-inkwiet li setgħu jġarrbu.

Dakinhar qatgħuha li jgħaddu minn foresta. F'nofs triqithom semgħu ħoss ġej minn warajhom u meta ħarsu, lemħu ors kannella kbir miexi b'pass meqjus lejhom. Wieħed mill-ħbieb ħaseb għal rasu u tela' jiġri maz-zokk tal-ewwel siġra li sab.

L-ieħor tħawwad. Ma kienx jaf x'se jaqbad jagħmel. Fl-aħħar intelaq mal-art u lagħabha ta' mejjet. Ipprova, kemm seta' jżomm in-nifs u żamm għajnejh u xofftejh marsusa. Sieħbu kien qed jara kollox minn fuq is-siġra. L-ors resaq lejh u qagħad

ixammem u jfesfes ma' widnejh, ma' mnifsejh u ma' ġismu kollu. Meta l-ors ħaseb li dak kien mejjet, kompla sejjer fi triqtu jfittex xi ħaġa aħjar x'jikkaċċja.

Dak li kien fuq is-siġra niżel jiġri ħdejn sieħbu.

"Ħlisnieha llum! X'waħda kienet se tiġrilna! Aqtagħli l-kurżità xbin: dak l-ors x'qagħad ifesfislek f'widnejk?"

L-ieħor ma ħasibhiex darbtejn. Dar lejh u qallu, "Mela ħa ngħidlek x'qalli la trid tkun taf. Qalli li tassew fik ħabib int biex mal-ewwel saram ħsibt għal ġildek u ma ħabbiltx rasek għalija!"

(Adattata minn *'Il-Ħrejjef ta' Esopu'* ta' Saviour Sammut)

* * *

*Issa li smajtu din is-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tibdew taħdmu t-tweġibiet.*

*Mela, issa se naqralek Taħriġ A.*
*Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha skont dak li smajt fis-silta.*

Immarka (✓) fil-kaxxa t-tajba. (10 marki)

1. Iż-żewġt iħbieb kienu ilhom jafu lil xulxin

| | | |
|---|---|---|
| a) | sena. | |
| b) | sentejn. | |
| ċ) | ftit żmien. | |
| d) | żmien twil. | |

2. Kienu "ħobża u sikkina" tfisser

| | | |
|---|---|---|
| a) | li kienu ħaġa waħda. | |
| b) | li kienu jaqtgħu l-ħobż bis-sikkina. | |
| ċ) | li kienu jiġġieldu ta' spiss. | |
| d) | li kienu furnara. | |

3. Darba minnhom iddeċidew li jgħaddu minn

| | | |
|---|---|---|
| a) | ġnien. | |
| b) | foresta. | |
| ċ) | deżert. | |
| d) | kuritur. | |

4. Meta ħarsu warajhom, huma raw ors

| | | |
|---|---|---|
| a) | abjad. | |
| b) | zopp. | |
| ċ) | kannella. | |
| d) | mutu. | |

5. Malli ra l-inkwiet, wieħed mill-ħbieb

| | | |
|---|---|---|
| a) | tela' ma' siġra. | |
| b) | ġera ġirja. | |
| ċ) | qabeż qabża. | |
| d) | beda jgħajjat. | |

6. It-tieni wieħed

| | | |
|---|---|---|
| a) | beda jwerżaq. | |
| b) | intelaq mal-art. | |
| ċ) | tela' ma' siġra. | |
| d) | waddab ġebla. | |

7. X'ħin l-ors ħaseb li t-tifel li kien mal-art kien mejjet

| | | |
|---|---|---|
| a) | tela' fuqu. | |
| b) | baqa' miexi. | |
| ċ) | gidmu. | |
| d) | beda jkaxkru. | |

8. “Ifesfislek f’widnejk” tfisser

| | | |
|---|---|---|
| a) | ikellmek f’widnejk. | |
| b) | iwerżaq f’widnejk. | |
| ċ) | jilgħab ma’ widnejk. | |
| d) | isaffar f’widnejk. | |

9. “Ma ħabbiltx rasek” tfisser

| | | |
|---|---|---|
| a) | ma ndunajtx. | |
| b) | ma nkwetajtx. | |
| ċ) | ma ħabbiltx xagħrek. | |
| d) | ma sibt xejn. | |

10. F’din l-istorja jissemmew

| | | |
|---|---|---|
| a) | 2 karattri. | |
| b) | 3 karattri. | |
| ċ) | 5 karattri. | |
| d) | 8 karattri. | |

*Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.*
*Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba.*

Immarka (✓) fil-kaxxa VERU jew FALZ (8 marki)

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 11 | Iż-żewġt iħbieb imorru mixja ħdejn il-baħar. | | |
| 12 | Huma għamlu wegħda lil xulxin. | | |
| 13 | F’nofs triqithom semgħu ħoss ġej minn quddiemhom. | | |
| 14 | Iż-żewġt itfal telgħu mas-siġra. | | |
| 15 | ‘Marsusa’ tfisser magħluqa. | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 16 | L-ors ħaseb li wieħed mit-tfal kien mejjet. | | |
| 17 | Wieħed mill-ħbieb kien imdejjaq għax sieħbu abbandunah fl-aktar ħin li kellu bżonn l-għajnuna. | | |
| 18 | Din l-istorja għandha tagħlima xi twasslilna. | | |

*Issa se ngħaddu għal Taħriġ Ċ.*

19. Aqta' sing taħt it-tajba. (marka)

Isem adattat għal din l-istorja hu (Foresta bla siġar, Il-Ħajja tal-ors, Is-siġar tal-Gżejjer Maltin, Tgħallem għaraf il-ħbieb).

20. Mill-istorja sib kelma li tfisser 'inkwiet'. _________________ (marka)

*Issa se nerġa' naqralkom is-silta u wara l-mistoqsijiet. Tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.*

Wara li taqra s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba agħti ftit minuti lit-tfal biex tara li jkunu lesti. Fl-aħħar tista' tgħid:

*Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa. Saħħa!*